Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 3 ta' Ġunju 2025**
**(OR. en)**

**9718/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0136(NLE)**

**TELECOM 176**
**CYBER 153**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 3 ta' Ġunju 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 265 final |
| Suġġett: | Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 265 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 265 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2025
COM(2025) 265 final

2025/0136 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt**

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## (1) KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Bir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali ("l-Att dwar l-IA")[1], l-Unjoni adottat l-ewwel Regolament komprensiv dwar l-intelliġenza artifiċjali ("IA"), li jistabbilixxi standard dinji. L-Att dwar l-IA, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2024, jarmonizza bis-sħiħ ir-regoli għall-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu tas-sistemi tal-IA fl-Istati Membri[2], bl-objettiv li jippromwovi l-innovazzjoni u l-adozzjoni ta' IA affidabbli, filwaqt li jipproteġi s-saħħa, is-sikurezza u d-drittijiet fundamentali, inkluż id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ambjent.

Anki bosta organizzazzjonijiet internazzjonali, fosthom il-Kunsill tal-Ewropa, saħħew l-isforzi tagħhom biex jirregolaw l-IA billi għarfu n-natura transfruntiera tal-IA u l-ħtieġa ta' kooperazzjoni internazzjonali biex jingħelbu l-isfidi komuni li qed joħolqu dawn it-teknoloġiji.

Bejn Ġunju 2022 u Marzu 2024, il-Kumitat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (CAI, Committee on Artificial Intelligence)[3] tal-Kunsill tal-Ewropa elabora Konvenzjoni Qafas legalment vinkolanti (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni") biex jindirizza r-riskji potenzjali li l-IA toħloq għad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

Fis-17 ta' Mejju 2024, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa adotta t-test tal-Konvenzjoni[4], qabel li jiftaħ il-Konvenzjoni għall-iffirmar f'Vilnius (il-Litwanja) fil-5 ta' Settembru 2024, u stieden lill-membri tal-Kunsill tal-Ewropa, lil pajjiżi terzi oħra li pparteċipaw fl-abbozzar tagħha, u lill-Unjoni biex jikkunsidraw jiffirmawha f'din l-okkażjoni, filwaqt li fakkar li l-Konvenzjoni hija miftuħa wkoll għall-adeżjoni minn Stati mhux membri oħra[5].

L-Unjoni ffirmat il-Konvenzjoni fil-5 ta' Settembru 2024, wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2218 tat-28 ta' Awwissu 2024 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt[6]. Il-Konvenzjoni ġiet iffirmata wkoll f'dik l-okkażjoni minn Andorra, mill-Georgia, mill-Iżlanda, minn Iżrael, mill-Montenegro, min-Norveġja, mir-Repubblika tal-Moldova, minn San Marino, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti tal-Amerka. Hija miftuħa għall-iffirmar minn membri oħra tal-Kunsill tal-Ewropa u Stati mhux membri li pparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħha fi kwalunkwe ħin. Wara d-dħul fis-seħħ tagħha, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa jista', soġġett għall-proċedura stabbilita

[1] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)

[2] L-Att dwar l-IA, il-premessi 1 u 8.

[3] Id-Deċiżjoni dwar il-ħidma tal-Kumitat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali fil-132 Sessjoni tal-Kumitat tal-Ministri – Segwitu, CM/Inf(2022)20, DD(2022)245.

[4] Il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt, Vilnius, 5.IX.2024, CETS 225

[5] CM/Del/Dec(2024)133/4.

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2218 tat-28 ta' Awwissu 2024 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt, ST/12385/2024/INIT, ĠU L, 2024/2218.

fl-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni, jistieden lil kwalunkwe Stat mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa li ma jkunx ipparteċipa fl-elaborazzjoni ta' din il-Konvenzjoni biex jaderixxi magħha.

F'dan il-kuntest, il-fini ta' din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija li jitnieda l-proċess għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni skont it-termini stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2024/2218 li tawtorizza l-iffirmar tagħha. Il-konklużjoni tal-ewwel ftehim internazzjonali dwar l-IA tippreżenta opportunità siewja għall-Unjoni biex trawwem approċċ komuni għar-regolamentazzjoni tal-IA fuq livell internazzjonali u tipprovdi qafas għall-kooperazzjoni mal-membri tal-Kunsill tal-Ewropa u ma' pajjiżi terzi li jsiru Partijiet għall-Konvenzjoni.

- **Kontenut tal-Konvenzjoni**

Il-Konvenzjoni għandha l-objettiv li tiżgura li l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA jkunu konsistenti bis-sħiħ mad-drittijiet tal-bniedem, mad-demokrazija u mal-istat tad-dritt.

Il-Partijiet għall-Konvenzjoni se jkollhom jimplimentawha permezz ta' miżuri leġiżlattivi, amministrattivi jew miżuri oħra xierqa biex jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet tagħha, wara approċċ gradwat u differenzjat, skont is-severità u l-probabbiltà tal-impatti negattivi. Il-Konvenzjoni għandha tiġi implimentata esklużivament fl-Unjoni permezz tal-Att dwar l-IA, li jarmonizza bis-sħiħ ir-regoli għall-introduzzjoni fis-suq, għat-tqegħid fis-servizz u għall-użu tas-sistemi tal-IA, u ta' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-acquis tal-Unjoni, meta applikabbli.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jkopri s-sistemi tal-IA li potenzjalment jinterferixxu mad-drittijiet tal-bniedem, mad-demokrazija u mal-istat tad-dritt, b'approċċ differenzjat. Il-prinċipji u l-obbligi previsti fil-Konvenzjoni se japplikaw għall-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA mwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi jew mill-atturi privati li jaġixxu f'isimhom. Fir-rigward tas-settur privat, il-Partijiet huma obbligati jindirizzaw ir-riskji u l-impatti li jirriżultaw mill-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA mwettqa minn atturi privati b'mod li jikkonforma mal-objettiv u mal-fini tal-Konvenzjoni, iżda għandhom l-għażla jekk japplikawx l-obbligi tal-Konvenzjoni jew jieħdu miżuri xierqa oħra. Abbozz ta' dikjarazzjoni li timpenja lill-Unjoni, permezz tal-Att dwar l-IA u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-acquis tal-Unjoni, biex timplimenta l-prinċipji u l-obbligi stabbiliti fil-Kapitoli II sa VI tal-Konvenzjoni għall-attivitajiet ta' atturi privati li jintroduċu fis-suq, iqiegħdu fis-servizz u jużaw sistemi tal-IA fl-Unjoni, hija mehmuża ma' din il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill.

L-attivitajiet tal-IA relatati mas-sigurtà nazzjonali huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni bil-fehim li dawn iridu, fi kwalunkwe każ, jitwettqu b'mod konsistenti mal-liġijiet internazzjonali applikabbli dwar id-drittijiet tal-bniedem u fir-rigward tal-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi. Il-Konvenzjoni teskludi wkoll l-attivitajiet tar-riċerka u tal-iżvilupp rigward is-sistemi tal-IA li għadhom ma sarux disponibbli għall-użu, sakemm l-ittestjar jew attivitajiet simili ma jkollhomx il-potenzjal li jinterferixxu mad-drittijiet tal-bniedem, mad-demokrazija u mal-istat tad-dritt. Bi qbil mal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, il-kwistjonijiet relatati mad-difiża nazzjonali ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni.

Il-Konvenzjoni tipprevedi wkoll sett ta' obbligi ġenerali u prinċipji fundamentali, fosthom il-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem u l-awtonomija individwali, kif ukoll il-promozzjoni tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni. Barra minn hekk, tagħti mandat għar-rispett tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data personali flimkien mat-trasparenza u s-sorveljanza biex

ikunu żgurati l-akkontabbiltà u r-responsabbiltà. Hu ddedikat ukoll prinċipju għall-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni sikuri f'ambjenti kkontrollati.

Hemm kapitolu apposta dwar ir-rimedji li jipprevedi wkoll sett ta' miżuri maħsuba biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' rimedji aċċessibbli u effettivi għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li jirriżulta mill-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA. Dan jinkludi wkoll garanziji u salvagwardji proċedurali effettivi għall-persuni li d-drittijiet tagħhom ġew affettwati b'mod sinifikanti mill-użu tas-sistemi tal-IA. Barra minn hekk, l-individwi għandhom jiġu notifikati li qed jinteraġixxu ma' sistema tal-IA u mhux ma' bniedem.

Il-Konvenzjoni tinkludi wkoll kapitolu dwar miżuri għall-valutazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji u tal-impatti negattivi li għandhom jitwettqu b'mod iterattiv, biex jiġu identifikati l-impatti reali u potenzjali fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt u jittieħdu miżuri xierqa ta' prevenzjoni u ta' mitigazzjoni.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni tipprevedi li l-Partijiet għandhom jivvalutaw il-ħtieġa ta' projbizzjonijiet jew moratorji fuq ċerti applikazzjonijiet tas-sistemi tal-IA meqjusa inkompatibbli mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, mal-funzjonament tad-demokrazija, jew mal-istat tad-dritt.

Il-Konvenzjoni tipprevedi mekkaniżmu ta' segwitu fi ħdan Konferenza tal-Partijiet, magħmula minn rappreżentanti tal-Partijiet, li se tikkonsulta perjodikament bil-ħsieb li tiffaċilita l-użu u l-implimentazzjoni effettivi tal-Konvenzjoni.

Il-Konvenzjoni tipprevedi wkoll mekkaniżmu għall-kooperazzjoni internazzjonali kemm bejn il-Partijiet għall-Konvenzjoni kif ukoll fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u partijiet ikkonċernati rilevanti, biex tintlaħaq il-fini tal-Konvenzjoni.

Barra minn hekk, kull Parti għandha tistabbilixxi jew li tiddeżinja mekkaniżmu effettiv wieħed jew bosta fil-livell domestiku biex jissorveljaw il-konformità mal-obbligi fil-Konvenzjoni, kif mogħtija effett mill-Partijiet.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-Konvenzjoni tistabbilixxi prinċipji u obbligi ġenerali għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt li huma konsistenti u allinjati għalkollox mal-objettivi tal-Att dwar l-IA u mar-rekwiżiti dettaljati għas-sistemi tal-IA u mal-obbligi imposti fuq il-fornituri u l-amministraturi ta' dawn is-sistemi.

Id-definizzjoni ta' sistema tal-IA fil-Konvenzjoni hija allinjata għalkollox mad-definizzjoni fl-Att dwar l-IA għax it-tnejn huma bbażati fuq id-definizzjoni ta' tali sistemi fil-Prinċipji tal-IA tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi[7], u b'hekk jiżguraw fehim komuni ta' liema teknoloġiji diġitali jikkostitwixxu l-IA.

Kemm il-Konvenzjoni kif ukoll l-Att dwar l-IA jħaddmu approċċ ibbażat fuq ir-riskju għar-regolamentazzjoni tas-sistemi tal-IA u jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi għall-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-impatt u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. L-Att dwar l-IA fih, b'mod partikolari, għadd ta' projbizzjonijiet rilevanti u każijiet ta' użu ta' riskju għoli għas-sistemi tal-IA fis-setturi pubbliċi u privati kollha, inkluż fil-qasam tad-demokrazija u l-ġustizzja. Għalhekk, ir-regoli u l-proċeduri dettaljati tal-Att dwar l-IA għall-iżvilupp, l-

[7] Id-definizzjoni tal-OECD ta' "sistema tal-IA" ġiet aġġornata fit-8 ta' Novembru 2023 [C(2023)151 u C/M(2023)14, il-punt 218] biex ikun żgurat li tibqa' preċiża teknikament u tkun tirrifletti l-iżviluppi teknoloġiċi, inkluż fir-rigward tal-IA ġenerattiva.

introduzzjoni fis-suq, u l-użu tas-sistemi tal-IA f'dawk l-oqsma se jiżguraw li d-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt jiġu rispettati tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-IA.

Il-Konvenzjoni tinkludi prinċipji u obbligi li diġà huma koperti fl-Att dwar l-IA, fosthom miżuri għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tas-sikurezza u l-affidabbiltà, tal-akkontabbiltà u r-responsabbiltà, tal-governanza tad-data u l-protezzjoni tad-data, tat-trasparenza u s-sorveljanza, tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, tal-ħiliet u tal-litteriżmu diġitali.

It-trasparenza hija element komuni ieħor taż-żewġ strumenti legali, inklużi miżuri fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-kontenut iġġenerat bl-IA u tan-notifikar lill-persuni li jinteraġixxu mas-sistemi tal-IA. Iż-żewġ strumenti legali jinkludu wkoll dispożizzjonijiet rilevanti dwar il-valutazzjonijiet tar-riskju u tal-impatt u l-ġestjoni tar-riskju, iż-żamma tar-rekords, l-iżvelar (lill-korpi u lill-awtoritajiet awtorizzati u, kif xieraq, lill-persuni affettwati), it-traċċabbiltà u l-ispjegabbiltà, l-innovazzjoni u l-esperimentazzjoni sikuri f'ambjenti kkontrollati, u sett ta' miżuri li jippermettu rimedji effettivi, inkluż id-dritt li tintalab u tinkiseb informazzjoni u li jitressaq ilment quddiem awtorità kompetenti, u salvagwardji proċedurali.

Is-sistema tas-sorveljanza prevista fil-Konvenzjoni hija wkoll konsistenti għalkollox mas-sistema komprensiva ta' governanza u infurzar tal-Att dwar l-IA, li tikkonsisti f'infurzar fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, bi proċeduri għall-implimentazzjoni konsistenti tar-regoli tal-Unjoni fl-Istati Membri. B'mod partikolari, il-Konvenzjoni tipprevedi mekkaniżmu tas-sorveljanza effettiv wieħed jew aktar fil-livell domestiku li jridu jeżerċitaw id-doveri tagħhom b'mod indipendenti u imparzjali u jkollhom is-setgħat, l-għarfien espert u r-riżorsi meħtieġa biex iwettqu b'mod effettiv il-kompiti tas-sorveljanza tal-konformità mal-obbligi fil-Konvenzjoni, kif mogħtija effett mill-Partijiet.

Filwaqt li l-Att dwar l-IA se japplika għas-sistemi tal-IA introdotti fis-suq, imqiegħda fis-servizz, jew użati fl-Unjoni, il-Konvenzjoni għandha lħuq ġeografiku akbar li jinkludi lill-membri tal-Kunsill tal-Ewropa u lil Stati terzi madwar id-dinja li jistgħu jsiru Partijiet għall-Konvenzjoni. Għalhekk, il-Konvenzjoni hija opportunità tad-deheb biex titrawwem IA affidabbli lil hinn mill-Unjoni fl-ewwel trattat internazzjonali għar-regolamentazzjoni tal-IA li hu vinkolanti legalment u msejjes fuq approċċ sod fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem.

Kemm il-Konvenzjoni kif ukoll l-Att dwar l-IA huma komponenti integrali ta' approċċ regolatorju għall-IA, b'impenji konsistenti u li jsaħħu lil xulxin f'diversi livelli internazzjonali u li għandhom l-objettiv komuni li tiġi żgurata IA affidabbli.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Konvenzjoni għandha wkoll objettivi komuni ma' politiki u leġiżlazzjonijiet oħra tal-Unjoni li għandhom l-għan li jimplimentaw id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni[8].

B'mod partikolari, il-prinċipju tal-ugwaljanza u tan-nondiskriminazzjoni minqux fil-Konvenzjoni huwa konsistenti għalkollox mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-nondiskriminazzjoni u se jippromwovi l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza fit-tfassil, l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi tal-IA u l-implimentazzjoni effettiva tal-projbizzjoni

8 Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391.

tad-diskriminazzjoni, kif previst skont il-liġi internazzjonali u domestika applikabbli tal-Partijiet.

Barra minn hekk, il-Konvenzjoni hija konsistenti mal-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, fosthom ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data[9] fir-rigward tad-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali b'garanziji u salvagwardji effettivi li jridu jkunu fis-seħħ għall-individwi, f'konformità mal-obbligi legali domestiċi u internazzjonali applikabbli tal-Partijiet.

Il-miżuri previsti fil-Konvenzjoni maħsuba biex jipproteġu l-proċessi demokratiċi tal-Partijiet fil-kuntest tal-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema tal-IA huma konsistenti bis-sħiħ mal-objettivi u r-regoli dettaljati fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali[10] (u l-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni[11]), li jirregola l-forniment tas-servizzi intermedjarji fl-Unjoni bl-għan li jiġi żgurat ambjent online sikur, prevedibbli u affidabbli fejn id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u d-dritt li wieħed jirċievi u jikkondividi informazzjoni, jiġu rispettati. Huma konsistenti wkoll mar-Regolament dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku[12] li fih rekwiżit speċifiku ta' trasparenza meta s-sistemi tal-IA jintużaw għad-disseminazzjoni tar-reklami politiċi. Il-miżuri huma konsistenti wkoll mal-politiki tal-Unjoni fil-qasam tad-demokrazija u l-elezzjonijiet ħielsa, ġusti u reżiljenti[13], inkluż il-pjan ta' azzjoni għad-demokrazija Ewropea tal-2020[14], il-pakkett dwar it-tisħiħ tad-demokrazija u l-integrità tal-elezzjonijiet[15] u reċentement il-pakkett dwar id-Difiża tad-Demokrazija tal-2023[16].

Il-Konvenzjoni hija konsistenti mal-istrateġija diġitali kumplessiva tal-Unjoni permezz tal-kontribut tagħha biex tippromwovi teknoloġija li taħdem għan-nies, bħala wieħed mit-tliet pilastri ewlenin tal-orjentazzjoni u l-objettivi ta' politika mħabbrin fil-Komunikazzjoni "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa"[17]. Din tal-aħħar hija maħsuba biex tiżgura li l-IA tiġi żviluppata b'modi li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u jiksbu l-fiduċja tan-nies, ħalli l-Ewropa tkun lesta għall-era diġitali u s-snin li ġejjin isiru d-Deċennju Diġitali[18].

Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali[19] tinkludi bosta drittijiet u prinċipji diġitali li huma allinjati mal-objettivi u l-prinċipji tal-Konvenzjoni, u ż-żewġ strumenti lkoll jippromwovu approċċ sod għat-teknoloġija bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem.

---

9 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

10 Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali), ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1.

11 Il-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-Diżinformazzjoni | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa

12 Ir-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku, PE/90/2023/REV/1, ĠU L, 2024/900, 20.3.2024.

13 Nipproteġu d-demokrazija – il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

14 https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/priorities-2019-2024/new-push-european-democracy/protecting-democracy_mt

15 https://commission.europa.eu/publications/reinforcing-democracy-and-integrity-elections-all-documents_en

16 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-Difiża tad-Demokrazija, COM/2023/630 final.

17 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa, COM/2020/67 final.

18 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali, COM/2021/118 final.

19 Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali, COM(2022) 28 final.

Il-Konvenzjoni hija konsistenti wkoll mal-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal[20], u mal-istrateġija Ewropea għal internet aħjar għat-tfal (BIK+, better internet for kids)[21], li għandhom l-għan jiżguraw li t-tfal jiġu protetti, rispettati u mogħtija s-setgħa online, biex jiffaċċjaw ċerti sfidi ta' dinjiet virtwali ġodda u tal-IA.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi legali

Il-proposta għal deċiżjoni li tawtorizza l-konklużjoni tal-Konvenzjoni f'isem l-Unjoni hija ppreżentata lill-Kunsill skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE.

Il-bażi legali proċedurali għad-Deċiżjoni tal-Kunsill — l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE — tipprevedi deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim, fuq proposta tal-Kummissjoni bħala n-negozjatur; fil-każ ta' ftehim li jkopri qasam li għalih tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tat-TFUE jipprevedi votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill.

Il-bażi legali sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut tal-Ftehim. Skont il-ġurisprudenza, jekk eżami ta' miżura tal-UE juri li għandu żewġ finijiet jew li jinkludi żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala l-fini jew il-komponent ewlieni jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi legali unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-fini jew mill-komponent ewlieni jew predominanti. B'mod eċċezzjonali, jekk jiġi stabbilit, min-naħa l-oħra, li l-miżura għandha simultanjament għadd ta' objettivi, jew diversi komponenti, li huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma wieħed ikun inċidentali għall-ieħor, biex ikunu applikabbli diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat, il-miżura trid tkun ibbażata fuq id-diversi bażijiet legali korrispondenti.

Fir-rigward tal-bażi legali sostantiva, il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-Konvenzjoni huwa kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Att dwar l-IA, inkluż fir-rigward tal-eżenzjoni mill-kamp ta' applikazzjoni fir-rigward tas-sistemi tal-IA użati esklużivament għar-riċerka u l-iżvilupp, għas-sigurtà nazzjonali u għall-attivitajiet militari. L-analiżi ta' hawn fuq turi wkoll li l-prinċipji u l-obbligi fil-Konvenzjoni huma fil-biċċa l-kbira koperti u jikkoinċidu mar-rekwiżiti aktar dettaljati għas-sistemi tal-IA u mal-obbligi speċifiċi tal-fornituri u tal-implimentaturi ta' tali sistemi skont l-Att dwar l-IA. Jekk il-Kunsill jadotta d-deċiżjoni proposta u l-Unjoni tikkonkludi l-Konvenzjoni, l-Att dwar l-IA se jikkostitwixxi l-leġiżlazzjoni primarja tal-UE biex tiġi implimentata l-Konvenzjoni fl-ordni ġuridiku tal-UE b'regoli armonizzati bis-sħiħ dwar l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz, u l-użu ta' sistemi tal-IA fl-Unjoni li huma applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha, sakemm l-Att dwar l-IA ma jipprevedix speċifikament mod ieħor[22].

Meta jitqies li l-kamp ta' applikazzjoni u l-objettivi tal-Konvenzjoni huma allinjati u konsistenti bis-sħiħ ma' dawk tal-Att dwar l-IA u li hemm trikkib sinifikanti bejn iż-żewġ strumenti legali, il-bażi legali sostantiva għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni hija l-Artikolu 114 tat-TFUE, li huwa l-bażi legali primarja tal-Att dwar l-IA.

---

[20] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, COM/2021/142 final

[21] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Deċennju Diġitali għat-tfal u ż-żgħażagħ: l-istrateġija Ewropea l-ġdida għal internet aħjar għat-tfal (BIK+), COM/2022/212 final.

[22] Ara l-Artikolu 1 u l-premessa 1 tal-Att dwar l-IA.

In-natura tal-ftehimiet internazzjonali ("li jirrigwarda lill-UE biss" jew "imħallat") hija kontinġenti fuq il-kompatibbiltà tas-suġġett speċifiku mal-kompetenzi esklużivi jew kondiviżi tal-UE.

L-Artikolu 3(2) tat-TFUE jipprevedi li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva "*li tikkonkludi ftehim internazzjonali [...] sal-punt fejn il-konklużjoni tiegħu tista' tolqot xi regoli komuni jew tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni tagħhom"*. Ftehim internazzjonali jista' jaffettwa r-regoli komuni jew ibiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom meta l-qasam kopert mill-ftehim jikkoinċidi mad-dritt tal-Unjoni jew fil-biċċa l-kbira tiegħu jkun kopert minnu[23].

Il-kamp ta' applikazzjoni personali tal-Konvenzjoni huwa allinjat bis-sħiħ mal-Att dwar l-IA fis-sens li ż-żewġ strumenti legali jkopru, fil-prinċipju, lill-atturi pubbliċi u lill-atturi privati (bl-applikazzjoni fakultattiva tal-prinċipji u l-obbligi tal-Konvenzjoni għal atturi privati għajr dawk li jaġixxu f'isem l-awtoritajiet pubbliċi), filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni materjali taż-żewġ strumenti legali jeskludi l-attivitajiet tal-IA relatati esklużivament mas-sigurtà nazzjonali, mal-militar u mar-riċerka mir-regoli applikabbli.

Meta jitqies li l-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tal-Konvenzjoni u tal-Att dwar l-IA jikkoinċidu, il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tista' taffettwa r-regoli komuni tal-Unjoni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE. Għaldaqstant, l-Unjoni għandha titqies li tgawdi kompetenza esterna esklużiva biex tikkonkludi l-Konvenzjoni, u l-Konvenzjoni għandha tiġi konkluża f'isem l-Unjoni bħala ftehim "li jirrigwarda lill-UE biss", peress li ġiet iffirmata skont l-awtorizzazzjoni prevista mid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2218.

- **Proporzjonalità**

Il-Konvenzjoni ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika li jinħoloq approċċ koerenti għar-regolamentazzjoni tal-IA fil-livell internazzjonali.

Il-Konvenzjoni tistabbilixxi qafas legali ta' livell għoli għall-IA li jippermetti l-flessibbiltà, u b'hekk il-Partijiet ikunu jistgħu jfasslu b'mod konkret l-oqfsa tal-implimentazzjoni. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jiżgura wkoll il-proporzjonalità tar-regoli u jippermetti d-divrenzjar tal-miżuri tal-implimentazzjoni b'mod proporzjonat għar-riskji, b'mod simili għall-Att dwar l-IA.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument magħżul huwa proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(6)(a)(v) tat-TFUE.

23 Eż. il-Kawża C-114/12 Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Drittijiet relatati ta' organizzazzjonijiet tax-xandir) ECLI:EU:C:2014:2151, il-punti 68–69; l-Opinjoni 1/13 Adeżjoni ta' stati terzi mal-Konvenzjoni ta' Den Haag, EU:C:2014:2303, il-punti 71–74; il-Kawża C-66/13 Green Network EU:C:2014:2399, il-punti 27–33; l-Opinjoni 3/15 Trattat ta' Marrakexx biex jiġi Ffaċilitat l-Aċċess għal Xogħlijiet Pubblikati għal Persuni Għomja, b'Diżabbiltà fil-Vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex Jaqraw Materjal Stampat, ECLI:EU:C:2017:114, il-punti 105–108

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Konvenzjoni għandha l-għan li tindirizza r-riskji u l-ħsarat potenzjali għad-drittijiet tal-bniedem billi tiżgura li l-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA jkunu allinjati mal-prinċipji tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, filwaqt li tirrikonoxxi wkoll il-potenzjal li l-IA tipproteġi u tiffaċilita l-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet fl-ambjent diġitali u ttejjeb il-benesseri soċjetali u ambjentali u l-progress teknoloġiku.

Il-prinċipji u l-obbligi konkreti previsti fil-Konvenzjoni huma maħsuba biex jipproteġu u jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem, minquxa f'diversi strumenti internazzjonali u reġjonali[24], kif applikabbli għall-Partijiet, inkluż il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni u strumenti internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem li kkonkludiet l-Unjoni.

Għalhekk, il-Konvenzjoni tistabbilixxi standard minimu komuni għall-applikazzjoni tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-IA, filwaqt li tissalvagwardja l-protezzjonijiet eżistenti tad-drittijiet tal-bniedem u tippermetti lill-Partijiet jipprovdu protezzjoni akbar b'salvagwardji aktar stretti.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-Konvenzjoni tipprevedi l-kontribuzzjonijiet finanzjarji ta' Stati mhux membri għall-attivitajiet tal-Konferenza tal-Partijiet. Filwaqt li l-membri kollha tal-Kunsill tal-Ewropa se jikkontribwixxu permezz tal-baġit ordinarju tal-Kunsill tal-Ewropa f'konformità mal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Partijiet li mhumiex membri se jagħmlu kontribuzzjonijiet ekstrabaġitarji. Il-kontribuzzjoni ta' min mhux membru tal-Kunsill tal-Ewropa għandha tiġi stabbilita b'mod konġunt mill-Kumitat tal-Ministri u minn dak li mhux membru.

Il-Konvenzjoni ma tinterferix mal-liġijiet u r-regolamenti domestiċi tal-Partijiet li jirregolaw il-kompetenzi u l-proċeduri baġitarji għall-approprjazzjonijiet baġitarji. Il-Konvenzjoni Qafas ma tistipulax il-forma li fiha għandhom jiġu stabbiliti l-kontribuzzjonijiet, inklużi l-ammonti u l-modalitajiet, tal-Partijiet li mhumiex membri tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-bażi legali għall-kontribuzzjoni ta' tali Partijiet se tkun il-Konvenzjoni Qafas innifisha u l-att(i) li jistabbilixxi/u dik il-kontribuzzjoni[25].

---

[24] Bħad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tal-1950 (ETS Nru 5), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tal-1966, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali tal-1966, il-Karta Soċjali Ewropea tal-1961 (ETS Nru 35), kif ukoll il-protokolli rispettivi tagħhom, u l-Karta Soċjali Ewropea tal-1996 (Riveduta) (ETS Nru 163), il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1989 dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2006 dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà.

[25] Ara l-paragrafu 134 tar-Rapport ta' Spjegazzjoni għall-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Konferenza tal-Partijiet magħmula mir-rappreżentanti tal-Partijiet se timmonitorja l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni mill-Partijiet u tagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal dak l-għan. Il-Konferenza tal-Partijiet se tqis ukoll emendi possibbli tal-Konvenzjoni.

Kull Parti se tkun meħtieġa tippreżenta rapport lill-Konferenza tal-Partijiet fl-ewwel sentejn mis-sħubija u mbagħad f'intervalli regolari, li jagħti dettalji dwar il-miżuri meħuda għall-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Partijiet huma mħeġġa wkoll jikkooperaw biex jissodisfaw l-għanijiet tal-Konvenzjoni. Din il-kooperazzjoni internazzjonali tista' tinkludi l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti dwar l-IA u l-potenzjal tagħha li tħalli impatt negattiv jew pożittiv fuq id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt.

Sabiex jiġu żgurati l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, kull Parti jeħtieġ tiddeżinja mekkaniżmu ta' sorveljanza effettiv wieħed jew aktar fil-livell domestiku. Fil-livell tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tiżgura l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni, f'konformità mat-Trattati.

Il-premessi ta' din il-proposta għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni jikkonfermaw li, f'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet meta dak il-korp jintalab jadotta atti li jkollhom effetti legali, b'mod partikolari r-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Partijiet. Waqt in-negozjar ta' dawk ir-Regoli ta' Proċedura, li għandhom jiġu adottati b'kunsens fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni[26], l-Unjoni se timmira li tiżgura li tiġi allokata 27 vot, numru li jirrifletti l-għadd ta' Stati Membri tagħha. Fil-każ li l-Unjoni tiġi allokata s-27 vot, il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, se tistinka biex tiżgura koordinazzjoni msaħħa mal-Istati Membri sabiex tesprimi pożizzjonijiet uniformi quddiem il-Konferenza tal-Partijiet u teżerċita d-dritt tagħha li tivvota f'isem l-Unjoni. Tali koordinazzjoni msaħħa hija partikolarment rilevanti minħabba li l-Istati Membri kollha huma wkoll membri tal-Kunsill tal-Ewropa u meta titqies in-natura li qed tevolvi malajr tal-intelliġenza artifiċjali kif ukoll il-ħtieġa li jkun hemm qafas koerenti applikabbli globalment fil-qasam. Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni msaħħa, il-Kunsill għandu jkun involut fil-formulazzjoni ta' kwalunkwe pożizzjoni, tkun xi tkun in-natura tagħha, inkluż dawk ibbażati fuq l-Artikolu 16(1) tat-TUE u l-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Jekk l-Unjoni, minkejja l-aħjar sforzi tagħha, ma tkunx tista' tikseb allokazzjoni ta' 27 vot, sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni jkollha għadd ta' voti li jirriflettu l-piż tagħha fil-Kunsill tal-Ewropa u li jippermettulha tiddefendi b'mod xieraq l-interessi tagħha, il-Kummissjoni se tipproponi li l-Istati Membri jingħataw is-setgħa, skont l-Artikolu 2(1) tat-TFUE u b'rispett sħiħ għall-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, li jaderixxu mal-Konvenzjoni flimkien mal-Unjoni.

Il-Kummissjoni se tistieden lil kull Stat Membru jibgħat rappreżentant wieħed biex jakkumpanja r-rappreżentanza tal-Kummissjoni bħala parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni għal-laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet. Irid jiġi rrispettat il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali.

---

[26] Skont l-Artikolu 30(3) tal-Konvenzjoni, din se *tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-iskadenza ta' perjodu ta' 3 xhur wara d-data li fiha ħames firmatarji, fosthom mill-inqas tliet Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa, ikunu ddikjaraw il-kunsens tagħhom li jintrabtu b'din il-Konvenzjoni.*

2025/0136 (NLE)

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2218[27], il-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt ("il-Konvenzjoni") ġiet iffirmata fil-5 ta' Settembru 2024 f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard.

(2) Il-Konvenzjoni tistipula prinċipji u obbligi ġenerali li l-partijiet għall-Konvenzjoni jenħtieġ li josservaw biex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija, u tal-istat tad-dritt fir-rigward tal-attivitajiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali ("IA").

(3) Fit-13 ta' Ġunju 2024, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw, abbażi tal-Artikoli 16 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28], li fih regoli armonizzati, ġeneralment ibbażati fuq armonizzazzjoni sħiħa, li jirregolaw l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-servizz u l-użu ta' sistemi tal-IA fl-Unjoni. Dawk ir-regoli huma direttament applikabbli fl-Istati Membri, sakemm dak ir-Regolament ma jkunx jipprevedi espliċitament mod ieħor. Il-Konvenzjoni trid tiġi implimentata fl-Unjoni esklużivament permezz tar-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament u tal-Kunsill u ta' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-acquis tal-Unjoni, meta applikabbli.

(4) L-attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistemi tal-IA relatati mal-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà nazzjonali huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament u tal-Kunsill, li se jkun l-att legali ewlieni tal-Unjoni li jimplimenta l-Konvenzjoni, jeskludi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni

---

[27] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2218 tat-28 ta' Awwissu 2024 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt, ST/12385/2024/INIT, ĠU L, 2024/2218, 4.9.2024.

[28] Ir-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) (ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj).

tiegħu sistemi tal-IA introdotti fis-suq, imqiegħda fis-servizz, jew użati, kemm b'modifiki kif ukoll mingħajr modifiki, esklużivament għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, u l-output tas-sistemi tal-IA użati fl-Unjoni esklużivament għal tali finijiet, irrispettivament mit-tip ta' entità li twettaq dawk l-attivitajiet. Barra minn hekk, is-sigurtà nazzjonali għadha r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru, kif previst fl-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tiġi espressa fil-Konferenza tal-Partijiet stabbilita mill-Konvenzjoni tirrispetta l-limiti stipulati hawn fuq. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni żżomm lura milli tiddiskuti jew tieħu kwalunkwe pożizzjoni dwar attivitajiet fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' sistemi tal-IA relatati mal-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà nazzjonali fil-laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet.

(5) Meta jitqies il-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni personali u materjali tal-Konvenzjoni u d-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Konvenzjoni jikkoinċidu fil-biċċa l-kbira mar-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament u tal-Kunsill, li huwa kkomplementat minn dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-acquis tal-Unjoni, il-konklużjoni tal-Konvenzjoni tista' taffettwa r-regoli komuni tal-Unjoni jew tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE. Tali dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-acquis tal-Unjoni jinkludi atti legali li għandhom l-għan li jimplimentaw id-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, bħal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar in-nondiskriminazzjoni, inklużi d-Direttivi tal-Kunsill 2000/43/KE[29] u 2000/78/KE[30]; l-acquis tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, inkluż ir-Regolamenti (UE) 2016/679[31] u (UE) 2022/2065[32] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-għan li jiġi żgurat ambjent online sikur, prevedibbli u affidabbli fejn jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u d-dritt li wieħed jirċievi u jagħti informazzjoni; ir-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reklamar politiku[33]; u l-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza tal-prodotti u l-leġiżlazzjoni dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi, inkluż id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE[34]. Għaldaqstant, l-Unjoni tgawdi minn kompetenza esterna esklużiva biex tikkonkludi l-Konvenzjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni biss jenħtieġ li ssir parti għall-Konvenzjoni.

(6) Il-Konferenza tal-Partijiet se taqdi rwol ewlieni fl-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni, inkluż billi tagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħha. Il-Konferenza tal-Partijiet se tqis ukoll emendi possibbli tal-Konvenzjoni. F'konformità mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE, il-

---

29 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità (ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22).

30 Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16).

31 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

32 Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

33 Ir-Regolament (UE) 2024/900 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku (ĠU L, 2024/900, 20.3.2024, ELI:http://data.europa.eu/eli/reg/2024/900/oj).

34 Id-Direttiva (UE) 2024/2853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE, PE/7/2024/REV/1, ĠU L, 2024/2853, 18.11.2024.

Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, jenħtieġ li jadotta deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet meta dak il-korp jintalab jadotta atti li jkollhom effetti legali, b'mod partikolari r-Regoli ta' Proċedura tal-Konferenza tal-Partijiet. Waqt in-negozjar ta' dawk ir-Regoli ta' Proċedura, li jridu jiġu adottati b'kunsens fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni, l-Unjoni se timmira li tiżgura li tiġi allokata 27 vot, numru li jirrifletti l-għadd ta' Stati Membri tagħha. Fil-każ li l-Unjoni tiġi allokata s-27 vot, il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, jenħtieġ li tiżgura koordinazzjoni msaħħa mal-Istati Membri sabiex tesprimi pożizzjonijiet uniformi fi ħdan il-Konferenza tal-Partijiet u teżerċita d-dritt tagħha li tivvota f'isem l-Unjoni. Tali koordinazzjoni msaħħa hija partikolarment rilevanti minħabba li l-Istati Membri kollha huma wkoll membri tal-Kunsill tal-Ewropa u filwaqt li titqies in-natura li qed tevolvi malajr tal-IA kif ukoll il-ħtieġa li jkun hemm qafas koerenti applikabbli fil-livell dinji fil-qasam tal-IA. Sabiex tiġi żgurata koordinazzjoni msaħħa, il-Kunsill jenħtieġ li jkun involut fil-formulazzjoni ta' kwalunkwe pożizzjoni, tkun xi tkun in-natura tagħha, inkluż dawk ibbażati fuq l-Artikolu 16(1) tat-TUE u l-Artikolu 218(9) tat-TFUE. Jekk l-Unjoni, minkejja l-aħjar sforzi tagħha, ma tkunx tista' tikseb allokazzjoni ta' 27 vot, sabiex tiżgura li l-Unjoni jkollha għadd ta' voti li jirriflettu l-piż tagħha fil-Kunsill tal-Ewropa u li jippermettulha tiddefendi b'mod xieraq l-interessi tagħha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi li l-Istati Membri jingħataw is-setgħa, skont l-Artikolu 2(1) tat-TFUE u b'rispett sħiħ għall-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, li jaderixxu mal-Konvenzjoni flimkien mal-Unjoni.

(7) Il-Kummissjoni se tistieden lil kull Stat Membru jibgħat rappreżentant wieħed biex jakkumpanja r-rappreżentanza tal-Kummissjoni bħala parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni għal-laqgħat tal-Konferenza tal-Partijiet. Irid jiġi rrispettat il-prinċipju tal-kooperazzjoni leali.

(8) Fir-rigward ta' kwalunkwe ftehim ieħor li jista' jiġi konkluż fil-futur taħt l-awspiċji tal-Kunsill tal-Ewropa jew f'fora internazzjonali oħra, inkluż fil-qasam tal-IA, u fir-rigward ta' kwalunkwe emenda tal-Konvenzjoni, jenħtieġ li d-diviżjoni tal-kompetenzi esterni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tiġi vvalutata fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull tali strument. Huwa ta' importanza kbira li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jkomplu jaqdu r-rwol dirett u attiv tagħhom li jsemmgħu leħen l-Unjoni u jiddefendu l-interessi tagħha, b'mod konsistenti u koordinat, f'konformità sħiħa mat-Trattati.

(9) Jenħtieġ li l-Konvenzjoni tiġi approvata f'isem l-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Intelliġenza Artifiċjali u d-Drittijiet tal-Bniedem, id-Demokrazija u l-Istat tad-Dritt (il-"Konvenzjoni") hija b'dan approvata f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Konvenzjoni li għandu jiġi konkluż huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni bħala l-Anness I.

*Artikolu 2*

Id-Dikjarazzjonijiet li għandhom jiġu ppreżentati lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, mehmuża ma’ din id-Deċiżjoni fl-Anness II, huma b’dan approvati f’isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Konvenzjoni għandha tiġi implimentata fl-Unjoni esklużivament permezz tar-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-acquis tal-Unjoni, fejn applikabbli.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fi […].

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*